

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: F. Clotuche-Duvieusart, aġent)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħti lir-rikorrenti l-aċċess għal dokument li jikkonċerna l-politika tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-enerġija.

### Dispożittiv

- (1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti minn ClientEarth u Stichting BirdLife Europe.

(<sup>1</sup>) ĠU C 101, 06.04.2013.

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Awwissu 2013 — Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-366/13 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna mogħtija lil kumpanniji responsabbli li jipprovdu servizz pubbliku li jikkonsisti f’li jiġu pprovduti konnessjonijiet marittimi bejn Corse u Marseille — Kumpens għal servizz kumplementari għas-servizz bażiku, intiż sabiex ikopri l-perijodi l-iktar frekwentati matul l-istaġun turistiku — Deċiżjoni li tiklassifika dawn il-kumpensi bħala għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħhom mingħand il-benefiċjarji — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)*

(2013/C 298/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, N. Rouam, G. de Bergues u D. Colas, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Afonso u B. Stromsky, aġenti)

### Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 1926 finali, tat-2 ta’ Mejju 2013, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.22843 (2012/C) (ex 2012/NN) implementata minn Franza favur is-Société nationale Corse Méditerranée u l-Compagnie méridionale de navigation

### Dispożittiv

- (1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

- (2) L-ispejjeż huma rriżervati.

### Rikors ippreżentat fit-18 ta’ Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni vs Thales développement et coopération

(Kawża T-326/13)

(2013/C 298/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u B. Conte, aġenti, assistiti minn N. Coutrelis, avukat)

Konvenuta: Thales développement et coopération SAS (Vélizy-Villacoublay, Franza)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tordna lill-kumpannija Thales tħallas lura lill-Kummissjoni Ewropea l-ammonti kollha li din il-kumpannija rċeviet fuq il-bażi tal-kuntratti NEMECEL u DREAMCAR, jiġifieri, fil-kuntest tal-kuntratt NEMECEL, l-ammont ta’ EUR 700 335,66 bħala somma prinċipali flimkien mal-interessi dovuti u, fil-kuntest tal-kuntratt DREAMCAR, l-ammont ta’ EUR 812 821,43 bħala somma prinċipali flimkien mal-interessi dovuti;

— tikkundanna lil Thales għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Wara investigazzjoni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF), il-Kummissjoni titlob, permezz ta’ rikors ibbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tikkundanna lill-konvenuta tħallasha lura l-ammonti kollha rċevuti mis-sussidjarja preċedenti tagħha, il-kumpannija SRTI (SRTI System, Industrial Proċess Department), li suċċessivament saret SODETEG (Société d’Études Techniques et d’Entreprises Générales SA) u mbagħad THALESEC (Thales Engineering and Consulting), fl-ambitu ta’ żewġ kuntratti ta’ riċerka msejħa “NEMECEL” u “DREAMCAR”.

Il-Kummissjoni ssostni li l-ammonti inkwistjoni ġew indebitament irċevuti, wara irregolaritajiet finanzjarji serji, nuqqas ta’ osservanza ta’ impenji kuntrattwali kif ukoll okkorrenzi ta’ ksur ta’ regoli sostantivi tad-dritt. Il-kumpannija sussidjarja tal-konvenuta ddikjarat, *inter alia*, spejjeż eċċessivi permezz ta’ ħruġ żejjed ta’ fatturi għal sigħat li ma nħadmux.